**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 337/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 34.**

**Argus Insurance Agencies Limited (C-597)**

**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogate fid-drittijiet tal-assigurat taghha Dominic Busuttil ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni tat-tip *Comprehensive* u ai termini tal-Ligi u l-istess Dominic Busuttil (detentur tal-karta tal-identita' Numru 428128M) – La Concorde,**

**Abate Rigord Street,**

**Ta' Xbiex**

**Vs**

**Carmel Mifsud**

**62 Flat 2,**

**Triq San Vincenz,**

**Sliema**

**U**

**Daniel Tesfay Efrem**

**Flat 5, Helena Flats,**

**Emanuel Galizia Street,**

**Ta' Xbiex**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici noe fl-24 ta' April, 2016 li permezz tieghu talbet li dan it-Tribunal jordna lill-konvenuti jew minn minnhom ihallsuha s-somma ta' elf tlett mija u hamsa u disghin ewro u hames centezmi (€1,395.05c) dovuta bhala danni fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni WOW -120 meta din kienet ipparkjata u waqghet fuqha tieqa mill-proprjeta' tal-konvenut Carmel Mifsud fi Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex meta tali fond kien mikri lill-konvenut l-iehor Daniel Tesfay Efrem.

Ra r-risposta tal-konvenut Daniel Tesfay Efrem a fol 12 et li permezz taghha huwa eccepixxa li s-socjeta' attrici ghandha ggib prova tal-polza tal-assigurazzjon *de quo* tas-surroga u l-hlas li sar lill-asskurat. Li l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-atturi u dan peress li jrid ikun hemm prova li sehh l-incident *de quo* u li huwa kien biss u ghadu biss inkwilin tal-fond in kwistjoni u f'kaz li verament sehh dak li qed jigi allegat huwa ma jahtix ghal tali hsarat.

A fol 13 et l-konvenuta l-iehor Carmel Mifsud eccepixxa li huwa mhux responsabbli ghal dawn id-danni stante li ma hemm ebda certezza li d-dannu fil-vettura gie kawzat mit-tieqa li tappartjeni l-fond tieghu; li fi zmien meta sehh l-incident huwa kien u ghadu sal-gurnata prezenti jikri tali fond lill-konvenut l-iehor u ghalhekk ma jirrisjedix f'dan il-fond; li anke jekk jigi pruvat li l-hsarat gew kawzati minn tieqa fil-fond tieghu huwa ma jistax jinzamm responsabbli stante li huwa dejjem zamm dan il-fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni; u ghamel referena ghall-Artikolu 1042 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

A fol 52 xehed PS 309 Brian Xuereb li pprezenta rapport tal-incident li gara fit-23 ta' Ottubru, 2014 u spjega li kien kellem lil sid u l-okkupant tal-appartament cioe' il-konvenuta u li s-sid qallu li rranga ma' sid il-vettura u hallaslu l-excess tal-assikurazzjoni.

A fol 55 Walter Vella surveyor xehed li huwa ghamel survey report tal-vettura WOW-120 u pprezenta r-rapport tieghu li jinsab a fol 38 et.

A fol 58 Dominic Busuttil xehed li fit-23 ta' Ottubru, 2014 ghal habta tas-7am qabel ix-xoghol kien ipparkja l-karozza tieghu bin-numru WOW 120 fi Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex go parking space fejn ma kien hemm ebda sinjal li wiehed ma ghandux jipparkja f'dak il-post. Dakinhar xi l-4pm wara x-xoghol meta mar lura ghal karozza sab hafna hgieg fuq il-karozza tieghu li ghamillu diversi hsarat fuq il-karozza tieghu l-aktar fuq il-bonnet, bumper, fanali, windscreen u saqaf taghha. Meta hares madwaru sab li l-hgieg inqala' minn appartament li kien hemm fejn kien ipparkjat li kien f'Helene Flats u nnota li fl-appartament daqs zewg sulari il fuq kien hemm hgiega nieqsa. Huwa kellem lill-konvenut Charles Mifsud il-konvenut ghax kien jaf li dak l-appartament kien tieghu u qallu li kellu problema b'dawk li joqghodu fih ghax kien ilu jwissihom biex jiehdu hsieb it-twieqi u ma jhalluhomx fi stat traskurat. Mifsud mar biex jara l-hsara dak il-hin stess u qallu li kien ser ikellmu lura dwar l-ispejjez u qallu wkoll biex imexxi bl-insurance kif fil-fatt gara. Huwa ghamel rapport l-Ghassa dak il-hin stess anke jekk ir-rapport jidher datat 27 ta' Ottubru, 2014 u ghamel claim ma' Argus Insurance Agencies Limited peress li kellu insurance comprehensive. Huwa thallas tal-hsarat li garab fil-karozza tieghu mentru huwa hallas l-excess ta' hamsa u hamsin ewro (€55).

A fol 65 xehed il-konvenut Efrem Daniel Tesfay li huwa ilu jghix f'dan l-appartament sa mis-sena 2012 liema appartament jinsab fit-tielet sular u li huwa dejjem izomm it-twieqi tal-appartament tieghu ghajr dak tal-kamra tas-sodda tieghu li jzomm miftuha xi drabi. Din it-tieqa tal-kamra tas-sodda taghti ghal Triq Giorgio Mitrovich. Fit-23 ta' Ottubru, 2014 huwa kien xoghol mit-3pm sa nofs il-lejl u meta telaq ghax-xoghol huwa ma ra ebda karozza bil-hgieg imkisser u lanqas ma ra xejn meta gie lura mix-xoghol.

Il-pulizija qatt ma kelmuh u kien biss meta irceva l-karti ta' din il-kawza li sar jaf b'dak li qed jigi allegat. Huwa jghid li hgieg nieqes fl-appartament tieghu ma hemmx u lill-konvenut l-iehor kelmu biss meta rcieva dawn il-karti tal-kawza. Huwa zgur li l-hgieg ma waqax mill-appartament tieghu.

A fol 81 l-konvenut l-iehor Carmel Mifsud xehed li l-appartament li jinsab fi Helena Court appartament numru 5, Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex huwa proprjeta' tieghu u li dak iz-zmien kien mikri lill-konvenut l-iehor li urih li fl-appartament ma kienx hemm

hgieg. Huwa jammetti li l-pulizija qaluli li kien waqa' xi hgieg izda meta l-konvenut l-iehor hadu fuq l-post huwa ma rax hgieg imkisser minn l-ebda tieqa tieghu li taghti ghal fuq Emanuel Galizia.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' lill-partijiet jitrattaw il-kawza.

Ikkunsidra ulterjorment

Li l-partijiet jaqblu li l-hsara grat fil-vettura izda l-konvenuti jichdu li l-hgieg li waqa' fuq il-karozza tal-attur noe waqa' mill-appartament in kwistjoni proprjeta' tal-konvenut Mifsud u mikri lill-konvenut l-iehor.

Domenic Busuttil, l-assikurat tas-socjeta' attrici jikkonferma li ra tieqa minghajr hgieg mill-appartament in kwistjoni fejn kienet ipparkajata l-vettura tieghu mentri l-inkwilin jghid li l-pulizija qatt ma kelmuh filwaqt li s-sid jghid li meta kelmuh l-pulizija l-inkwilin hadu fuq l-post biex jara li ma hemmx twieqi imkissrin fl-appartament.

Illi ghalhekk il-verzjonijiet tal-partijiet huma konfliggenti kemm attur u konvenuti kif ukoll bejn il-konvenuti bejniethom. A fol 36 izda fir-rapport tal-pulizija PS309 jghid li huwa mar fuq l-post u rrizultalu li s-sid tal-post huwa l-konvenut Charles Mifsud, li lill-konvenut Mifsud kien kelmu lil PS 309 u infurmah li huwa kien kellem lil Busuttil cioe' lil sid il-vettura u li nfurmah li kien hallas lill-istess Busuttil biex jiftah l-claim tal-assikurazjoni. Is-surgent ikkonstata wkoll li l-post mhux fi stat perikoluz u li l-hgieg li waqa' mit-tieqa waqa' minhabba li t-tieqa ssabtet minhabba li kien rih qawwi dakinhar. PS 309 kkonferma li l-hgieg waqa' minn tieqa li tinsab Helena Flats, Appartament numru 5, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex.

Illi ghalhekk stante li l-verzonijiet inbidlu meta gejna ghal din il-kawza, dan it-Tribunal jirrileva li bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il- Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-

legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-Gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo–** Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-Gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti –** Prim'Awla tal-Qorti Civili – 08 ta' April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib –** Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino –** Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April, 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax

kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil- kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Dan it-Tribunal ghalhekk ma ghandux ghalfejn jiddubita dak li kkonstata s-surgent fir-rapport tieghu u kif ikkonferma bil-gurament f'dawn il-proceduri u ghalhekk jirrizulta car lil dan it-Tribunal li t-tieqa hija proprjeta' tal-konvenut Mifsud u li ghal dan l-incident kien responsabbli ghaliha l-konvenut l-iehor cioe' Daniel Tesfay Efrem stante li hu kien qed jokkupa l-post meta sar l-incident.

Veru li l-istess surgent fir-rapport tieghu jghid li bir-rih jista jkun li t-tieqa ssabtet u l-hgieg inkiser bit-tisbita izda biex ikun hemm l-iskagona mir-responsabilita' minhabba accident jew forza magguri, ddanneggjat jehtieglu jipprova l-konkors ta' zewg cirkustanzi:

(i) l-accident jew il-forza magguri bhala kawza tal-hsara u
(ii) in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u immedjata tal-hsara (Ara Kollez vol XX PI p 971 u vol XLII PP II p 750).

Illi f'dan il-kaz, il-konvenuti ma ppruvaw xejn minn dan.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici noe limitatament fil-konfront tal-konvenut Daniel Tesfay Efrem biss u ghalhekk jordna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici noe s-somma ta' elf tlett mija u

hamsa u disghin ewro u hames centezmi (€1,395.05c) bl-imghax legali millum sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu taz-zewg konvenuti in solidum u dan stante li l-konvenut l-iehor Carmel Mifsud ghogbu jbiddel il-verzjoni li kien ta lill-pulizija sabiex jiskolpa lilu nnifsu u lill-konvenut l-iehor.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici noe limitatament fil-konfront tal-konvenut Daniel Tesfay Efrem biss u ghalhekk jordna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici noe s-somma ta' elf tlett mija u hamsa u disghin ewro u hames centezmi (€1,395.05c) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu taz-zewg konvenuti in solidum u dan stante li l-konvenut l-iehor Carmel Mifsud ghogbu jbiddel il-verzjoni li kien ta lill-pulizija sabiex jiskolpa lilu nnifsu u lill-konvenut l-iehor.

**Av Anna Mallia**
**Gudikatur**